MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 549/1997/2

**Ivan Borg f' ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Ivana Mobili**

**vs**

**George Aquilina u b' digriet tal-Qorti ta' l-24 ta' Marzu 1998 giet kjamata fil-kawza Katie Aquilina, mart George, u b' digriet tal-Qorti tal-15 ta' Novembru, 2001 il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f' isem Catherine Aquilina, Anthony Aquilina, Joseph Aquilina, Rita Camilleri u Mary Rose Aquilina u John Aquilina**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Novembru, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fl-14 ta' Marzu, 1997 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas s-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800), rapprezentanti bilanc ta' somma akbar ta' prezz ta' ghamara mibjugha u kkonsensajta lilu.

Bl-ispejjez, inkluizi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju 1335/96FF, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-avviz ma gietx intavolat kontra l-mara tal-konvenut u ghalhekk hija obligazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;
2. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-ammont ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) mhux dovut stante li x-xoghol sar hazin, mhux tal-kwalita' kif pattwita u mhux skond is-sengha u l-arti;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha ta' l-24 ta' Marzu, 1998 fejn ordnat il-kjamata fil-kawza ta' Katie Aquilina, mart il-konvenut George Aquilina;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Novembru, 2001 fejn ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem l-eredi tal-konvenut George Aquilina li miet fil-mori tal-kawza;

Rat id-digriet taghha ta' l-14 ta' Lulju, 1998 fejn innominat lil Anthony Galea bhala perit tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Rat li r-relazzjoni giet ipprezentata fil-21 ta' Marzu, 2000 u mahlufa fit-22 ta' Marzu, 2000;

Rat is-sentenza taghha tad-9 ta' Lulju, 2002 u s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-20 ta' Ottubru, 2003 li annullat is-sentenza fuq imsemmija minhabba zbal fl-okkju u

"irremettiet l-atti lill-Qorti ta' l-ewwel grad ghall-konsiderazzjoni ulterjuri tal-vertenza u l-eventwali decizjoni."

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut illi kellha tigi nkluza l-mara tieghu Katie fil-gudizzju peress illi x-xoghol gie kommissjonat fil-mori taz-zwieg taghhom, giet sanata bl-ordni tal-kjamata fil-kawza ta' l-istess Katie Aquilina u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi mmedjatament sabiex tikkonsidra l-meritu.

Irrizulta mill-provi illi f'Gunju, 1996 il-konvenut u martu ghamlu ordni ta' ghamara ma' l-attur illi kienet tikkonsisti f'poggaman, kcina, flash doors, xambrella u bieb ta' barra ghall-prezz globali ta' tlett elef u erba' mitt lira Maltin (Lm3,400). Thallas sitt mitt lira Maltin (Lm600) depozitu, saru xi pagamenti, saru wkoll xi tnaqqis mill-ordni biex wara li tlesta x-xoghol f'Ottubru, 1996, kien fadal bilanc ta' tmien mitt lira Maltin (lm800), li huwa l-ammont illi qed jirrekama l-attur.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-perizja ta' l-espert minnha nominat u rat illi kkonkluda, "Ix-xoghol tal-poggaman tat-tarag ma kienx esegwit skond l-arti u s-sengha u l-ammont ta' tmien mitt lira (Lm800) ma hux bizzejjed sabiex il-konvenut iqabbad lil min jirrangalu d-difetti" (fol.39). It-tekniku wkoll riskontra difetti fix-xogholijiet l-ohra illi pero' qal li ma kienux daqshekk serji daqs id-difetti fil-poggaman.

Biex l-attur jirribatti l-konkluzjoni tat-tekniku tella' bhala xhud mastrudaxxa iehor, Carmelo Calleja, fejn a fol. 90 qal illi skond hu x-xoghol illi esegwixxa l-attur kien wiehed skond l-arti u s-sengha. Irrizulta pero', illi Calleja ma rax ix-xoghol illi gie nstallat fil-fond tal-konvenuti u qaghad fuq dak illi qallu l-attur. Evidentement, il-Qorti ma tistax tikkunsidra din ix-xhieda bhala b'sahhitha bizzejjed sabiex

tirribatti l-konkluzjoni illi wasal ghalihom it-tekniku wara li dana spezzjona l-ghamara in kwistjoni.

F'kawza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijet <u>Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista noe</u> deciza fid-9 ta' Frar, 2001, il-Qorti qalet illi l-opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn perit tekniku bhal kull prova ohra setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan pero' mhux leggerment jew kapriccjosament, imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola u stabbilit anki mill-gurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta u twarrab opinjoni ta' perit tekiniku minnha nnominat il-ghaliex dik, kif inghad, tikkonstitwixxi element ta' prova mportanti jekk mhux determinanti, li kellu jifforma gudizzju tal-gudikant. Huwa ghalhekk, ukoll illi l-ligi tipptrovdi n-nomina ta' periti addizzjonali li huwa mezz ta' verifika ta' opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta. (Ara wkoll <u>Carmel Sciortino vs Helen Camilleri et</u> Appell deciz fil-31 ta' Luju, 1996 u <u>Veronica Camilleri vs Joseph Thorne et</u> Civil Inferjuri deciza fit-2 ta' Dicembru, 2002).

Fl-isfond ta' dan it-taghlim, il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiskarta r-relazzjoni tat-tekniku minnha nominat. Dana wettaq ix-xoghol tieghu skropoluzament u spjega dettaljatament kull *item* ta' ghamara illi giet manifatturata mill-attur u fejn din hija mankanti ghal dak illi jirrigwarda s-sengha u l-arti.

Il-Qorti ghalhekk, taqbel mall-konkluzjonijiet raggunti mill-perit tekniku illi x-xoghol illi wettaq l-attur, zgur ghal dak illi jirrigwarda l-poggaman, ma kienx skond l-arti u s-sengha u l-konvenuti kienu ser jirrikorru fi spiza ferm aktar minn dak illi qed jitlob l-attur ghat-tiswija jew bdil tal-poggaman.

F'dan l-istadju, l-Qorti sejra tara jekk il-konvenut u l-kjamata fil-kawza humiex intitolati illi jzommu l-pagament lill-attur stante x-xoghol hazin illi huwa ghamel.

Il-Qorti jidhrilha illi tenut kont ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-eventi kawza tal-konvenut u l-kjamata fil-kawza, huma ntitolati illi jzommu l-pagament reklamat mill-attur. F'kawza deciza fit-12 ta' Mejju, 2003, mill-Appell sede

Nferjuri,fl-ismijiet Muscat vs Falzon intqal li kuntrattur qabel ma jindahal ghal bicca xoghol ghandu jkollu l-kapacita' teknika mehtiega (Vol XLII p1 pagna 517), ghandu jiggarantixxi l-bonta' tax-xoghol tieghu u jekk jaghmel ix-xoghol hazin lanqas ma hu eskluz mir-responsabbilta minhabba l-fatt illi hu kien qieghed ghal dak illi ried il-kommittent u jibqa' responsabbli l-istess jekk qabel ma beda' x-xoghol kien jista jkun jaf li fil-materjal illi fuqha kien ser jahdem kien hemm xi mankament u quindi x-xoghol kien inutli.

L-istess Vella vs Bugeja Civil Inferjuri deciza fit-3 ta' Frar, 2003 fejn il-Qorti qalet li appaltatur illi ma jottemprax ruhu mall-ftehim, jigifieri illi x-xoghol jigi mwettaq skond l-arti u s-sengha mhuwiex intitolat ghall-hlas. (Ara wkoll Borg vs Buttigieg de Piro Prim 'Awla deciza 13 ta' Jannar, 1995; Mark Spiteri noe vs David Connaughway noe Prim 'Awla deciza fis-6 ta' Marzu, 1998; u John Bonnici noe et vs Anthony Sammut Appell deciz fit-22 ta' Gunju, 1994).

Is-sentenza fuq imsemmija Bonnci vs Sammut ikkwalifikat in-nuqqas ta' hlas u qalet illi persuna kellu jkun marbut b'kuntratt ta' appalt u ma setax jirrifjuta li jhallas ghal dak illi jkun ordna, sakemm ma jkunx hemm difetti sostanzjali fix-xoghol illi jkun imwettaq.

Il-Qorti jidhrilha illi f'dan il-kaz, id-difetti illi rrizultaw fil-poggaman huma verament serji. Kif spjega t-tekniku li l-poggaman iperper u huwa wkoll perikoluz ghal min jistrieh fuqu. Il-Qorti tirrleva li l-poggaman mhuwiex qieghed ghall-apparenza, qieghed hemm biex iservi ta' sigurata' ghal min ikun tiela jew niezel it-tarag, anki jekk jistrieh mieghu waqt li huwa tiela jew niezel. F'dan il-kaz, ix-xoghol tant sar hazin illi l-poggaman ma jistax iservi dan il-funzjoni u hemm il-possibilta' illi anke jista' jcedi

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-poggaman fih difetti sostanzjali u serji hafna li jintitolaw lil eventi kawza tal-konvenut u l-kjamata fil-kawza biex izommu l-pagament u ma jhallsux l-ammont reklamat mill-attur sakemm dan ma jirrimedjax a spejjez tieghu, skond l-arti u s-sengha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt illi tilqa’ l-konkluzjonijiet raggunti mill-perit tekniku u taghmel taghha r-ragunamenti migjuba, tichad it-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.”

L-attur appella minn din is-sentenza. Irtirat minnu l-ewwel aggravju relattiv ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti tal-20 ta’ Ottubru 2003 rigwardanti l-izball konstatat fl-okkju tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti tad-9 ta’ Lulju 2002, il-kontestazzjonijiet l-ohra tieghu kontra s-sentenza tat-30 ta’ Novembru 2004 huma sintetikament kif gej:-

(1) L-ewwel Qorti injorat il-prova essenzjali li l-konvenuti bieghu d-dar li fiha kienu jinsabu x-xoghlijiet;

(2) L-ewwel Qorti injorat ukoll il-principju illi meta wiehed jaccetta x-xoghlijiet u jzommhom huwa ghandu jhallas ghalihom anke jekk dawn huma difettuzi;

(3) L-ewwel Qorti kellha tati piz debitu lix-xhieda ta’ Carmelo Calleja prodott minnu;

Fir-rigward ta’ l-ewwel aggravju ghandu jigi osservat qabel xejn illi minn imkien mill-atti processwali ma jirrizulta dak allegat mill-appellanti, tant li l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda accenn dwaru fis-sentenza appellata u, dippju, l-appellanti, lanqas f’ din is-sede, ma pproducew il-kuntratt relattiv attestanti l-bejgh tal-fond mill-appellat lil terzi, u allura lanqas ma hu maghruf jekk oltre l-allegat trasferiment tal-fond, il-konvenuti ghaddewx ukoll id-dritt litigjuz. Ankorke` sar dan it-trasferiment tal-fond, din il-Qorti ma tarax il-ghala fir-rigward tat-talba ghall-hlas tax-xoghlijiet fuq l-injam il-konvenuti u l-imsejha fil-kawza - martu - ma ghandhomx jitqiesu li ghad ghandhom dak l-interess guridiku biex jiddefendu ruhhom kontra l-pretensjoni ta’ appellanti jew ma ghandhomx jissoktaw jitqiesu bhala l-legittimi kontraditturi;

Jekk minn naha l-ohra bl-aggravju minnu mqanqal l-appellanti qed jintendi illi l-gudikat mhuwiex esegwibbli allura jkollu jinghad illi fin-nuqqas ta' prova cara u certa ta' l-allegat trapass tal-proprjeta` tal-fond dan l-aggravju ma jistax jircievi l-attenzjoni xierqa ta' din il-Qorti. Jibqa' l-fatt li l-appellanti kien l-awtur li esegwixxa x-xoghlijiet lamentati mill-konvenuti u mill-kjamata in kawza u dawn xorta wahda jibqghalhom id-dritt li jirrezistu t-talba ghall-hlas li saritilhom in konnesjonni ma' l-istess xoghlijiet. Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tat-tieni aggravju;

Bir-rispett kollu din il-Qorti, wara li rriflettiet hafna, ma thossx li tista' taqbel mar-ragonament illi l-accettazzjoni inizjali tax-xoghlijiet ghandha tissaraf, imbaghad, fit-telf tad-drittijiet ta' min ikkommissjonahom jekk jinstab li x-xoghlijiet, jew uhud minnhom, kienu effettivament difettuzi;

In tema ta' kuntratti d' opera jew ta' appalt, it-tehid in konsenja da parti tal-kommittent mhux dejjem, u bilfors, jekwivali *ipso facto* ghall-accettazzjoni bla rizerva ta' l-opra jew tax-xoghlijiet appaltati u, allura wkoll, ghal xi konsegwenti rinunzja ghall-azzjoni jew difiza fil-kaz li jigu riskontrati difetti taht il-profil tekniku u fattwali. B' mod partikulari, ma jitqiesx sufficjenti li jigi ritenut illi bl-accettazzjoni l-kommittent implicitament irrinunzja ghall-garanzija kontra l-vizzji u difformita` palesi fl-opra jew ix-xoghlijiet konsenjati. Jibqa' dejjem attiv il-principju illi "l-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu, u din il-garanzija hi mplicita`" (**Kollez. Vol. XL P I p 485**). Ma jistax allura in linea ta' massima japprofitta ruhu mill-fatt ta' l-accettazzjoni jekk jinstab li hu jkun itrasgredixxa d-dettami ta' l-arti tieghu. Dan ghaliex hu kien mill-bidunett obbligat jezegwixxi l-opra miftehma skond is-sengha (**Kollez. Vol. XLI P II p 892**). Ghalhekk il-kommittent, konvenut fil-gudizzju mill-appaltatur ghall-hlas tal-korrispettiv jista' dejjem igib 'il quddiem difiza inerenti ghall-garanzija kontra l-vizzji fix-xoghlijiet. Biex jista' jinghad li l-kommittent ikun irremedjabilment tilef, jew tacitament irrinunzja, ghal tali dritt irid ikun ghadda tul ta' zmien apprezzabbli bejn il-konsenja u d-denunzja tad-

difetti, li ma huwiex il-kaz hawn hekk. Fil-fatt jirrizulta li l-konsenja saret f' Ottubru 1996 u l-kawza ghall-hlas infethet f' Marzu 1997. Jirrizulta wkoll illi l-konvenut ma halliex wisq zmien jghaddi biex ressaq l-ilmenti tieghu. Ghaldaqstant ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz huma *toto coelo* diversi mill-fattispeci tal-kaz "**Frederick Micallef *et* -vs- May Sullivan**" deciz minn din il-Qorti fit-22 ta' Novembru 2002, u citat mill-appellanti;

L-ewwel Qorti adoperat il-perizja ta' l-espert nominat minnha u ghamlet taghha r-ragonamenti li fuqhom ir-rapport peritali hu bazat. Issa hu veru li l-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta' l-espert kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha (Artikolu 681, Kapitolu 12). Dan ghaliex il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant. Eppure dawk l-istess konkluzjonijiet jibqghu jipprevalu sakemm ma jigux kontrastati, jew permezz ta' periti addizzjonali jew bi provi ohra li jikkontraducuhom, jew altrimenti b' sottomissjonijiet tal-parti li jinnewtralizzawhom bhala mhux attendibbli;

Fil-kaz in ispece l-ewwel Qorti kienet sodisfatta illi in mankanza ta' konvinzjoni kuntrarja l-konkluzjonijiet peritali ma kienux irragonevoli fl-aspett tekniku tal-materja. Anke fir-rigward ta' din il-kwestjoni din il-Qorti ma tarax kif l-opinjoni espressa mix-xhud Carmelo Calleja, li, kif mistqarr minnu (fol. 90), lanqas biss ezamina *de visu* l-poggaman imqieghed fil-fond ta' l-appellat, tista' b' xi mod tipparalizza jew ixxejjen il-konstatazzjonijiet u r-ragonamenti ta' l-espert tal-Qorti. L-oneru tal-prova ta' l-ezistenza tal-vizzji hekk inkombenti fuq il-kommittent tinsab suffragata mill-konkluzjonijiet ta' dan l-espert;

Dawn il-vizzji huma, kif osservat mill-istess espert tekniku, sostanzjali tant li hu ta' l-opinjoni li l-ammont reklamat mhux bizzejjed biex jirrangaw id-difetti "li huma kbar hafna" (fol. 34). F' kaz bhal dan hi gurisprudenza pacifika illi "meta d-difett ikun ta' certu gravita l-konvenut ghandu d-dritt kollu li jopponi l-*exceptio non rite adempleti*

*contractus* ghad-domanda li ssirlu komplessivament ghall-hlas" ("**Carmelo Mallia -vs- Ivan John Fonk**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1975). Ghad li mhux uzati f' kuntest identiku, biex jigu wzati l-kliem tas-sentenza fl-ismijiet "**Antonio Pisani -vs- Carmelo Debattista**", Qorti Civili, Prim' Awla, 8 ta' Mejju 1958, "jekk ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt ma jkunx kollu lest, jew ma jkunx kollu esegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xoghol, ghax meta x-xoghol li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest (jew rez skond l-arti u s-sengha) l-appaltatur ma jistax jitlob il-hlas, la kollu u lanqas parti minnu". Dan igib b' osservazzjoni illi fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti sewwa ddecediet illi l-appellati ghandhom dritt ghall-eliminazzjoni tad-difetti qabel ma jistghu jkunu kostretti jhallsu l-ammont bilancjali mitlub.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, konfermata bl-ispejjez ukoll ta' din l-istanza a karigu ta' l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------